**EŻAMI ANNWALI TA' L-ISKEJJEL PRIMARJI 2002**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**Ir-Raba' Sena** **MALTI (Qari)** **Ħin: 15-il minuta**

Isem: ______________________________ Klassi: ___________

## A Immarka IVA jew LE fil-kaxxa

| | | IVA | LE |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-qattus jiekol il-ħut. | ✓ | |
| 2. | L-istaġuni huma tnax. | | |
| 3. | Mario jikteb bir-rota. | | |
| 4. | Fis-sajf immorru ngħumu. | | |
| 5. | It-tiġieġa tagħtina l-ħalib. | | |
| 6. | Il-pustier iqassam l-ittri. | | |
| 7. | Is-sajjied jaqbad il-ħut. | | |

(3 marki)

## B. Agħmel sing taħt it-tajba

1. Ir-Rebbiegħa hu l-isbaħ (tifel, staġun, kelb).
2. San Pawl ġie Malta fl-10 ta' (Awissu, Frar, Marzu).
3. Il-ħanżir jagħtina l-(laħam, ħalib, ħadid).
4. F'Jannar ikun hemm it-tberik ta' l-(fjuri, annimali, nies).
5. Sar aħmar (nir, mar, nar).
6. Iż-żiemel beda (jorbot, jaqbad, jaqbeż).

(3 marki)

## Ċ. Agħmel sing taħt il-kelma li ma taqbilx

1. lapes, pinna, pitazz, riga, karozza
2. lampa, linfa, bozza, xemx, mejda
3. sodda, siġġu, mejda, fjura, sufan
4. żiemel, baqra, ħuta, ħanżir, ħmar
5. Lulju, Settembru, Jannar, Sajf, Frar
6. iljun, kelb, ors, tigra, iljunfant

(3 marki)

## D. Qabbel kolonna A ma' kolonna B bin-numri

| | A | | B |
|---|---|---|---|
| 1. | bolla | ☐ | patata |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2. | pinzell | 1 | ittra |
| 3. | musmar | ☐ | dawl |
| 4. | xemx | ☐ | ilma |
| 5. | xkora | ☐ | għalqa |
| 6. | bidwi | ☐ | żebgħa |
| 7. | barmil | ☐ | martell |

(3 marki)

**E. Sib il-kelma li taqbel ma' l-istampa. Iktibha taħtha fil-vojt.**

| Farfett | Siġra | Iljun | Pupa | Ktieb | Buffu | Stilla |
|---|---|---|---|---|---|---|



__Siġra__



________



________



________



________



________



________

(3 marki)

(Total : 15-il marka)

# EŻAMI ANNWALI
# TA' L-ISKEJJEL PRIMARJI
# 2002

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

---

IR-RABA' SENA    MALTI (Kitba)    Ħin : Siegħa

---



Isem ______________________

Skola ______________________

Klassi ______________________

Total tal-Marki [ ]

# Storja

**Aqra sewwa**
**l-istorja t'hawn taħt**
**u mbagħad wieġeb**
**il-mistoqsijiet dwarha.**

**In-numri fit-tarf tal-paragrafi**
**jgħinuk biex issib it-tweġibiet.**



## Il-Kompjuter

Mario u Rita Borg kienu aħwa tewmin. Kellhom tmien snin u issa kienu qed jikbru ġmielhom. Missierhom kien miet malajr. Ommhom kienet toħroġ taħdem biex taqla' xi ħaġa tal-flus u tara li ma jkun jonqoshom xejn. **(Paragrafu 1)**

Mario u Rita kienu jħobbuha ħafna l-iskola. Dejjem kienu jistinkaw biex imorru tajjeb fl-eżamijiet. Iżda l-ikbar xewqa li kellhom kienet li jkollhom kompjuter. Dejjem kienu joħolmu li għad ikollhom kompjuter. **(Paragrafu 2)**

"Dal-kompjuter xi triduh?" kienet spiss tistaqsihom ommhom. Mario kien jgħidilha, "Mama', bil-kompjuter nistgħu naqraw, niktbu, npinġu, nilagħbu logħba u nagħmlu xi proġett sabiħ għall-iskola. Ikun qisu l-aqwa ħabib tagħna daqs kemm jgħinna." **(Paragrafu 3)**

Ommhom kienet issewwed qalbha meta kienet tisma' dan il-kliem. Kienet armla fqira u ma kellhiex flus biex tixtri dan l-imbierek kompjuter għal uliedha. **(Paragrafu 4)**

Darba fost l-oħrajn, bil-għajnuna ta' l-għalliema tagħhom, l-aħwa tewmin iddeċidew li jieħdu sehem f'kompetizzjoni tat-tpinġija. Lil ommhom ma kienu qalulha b'xejn. Għamlu ħilithom kollha biex it-tpinġija tagħhom tkun l-isbaħ waħda. Xi xahar wara l-għalliema tathom aħbar tajba. Kienu ġew l-ewwel fil-kompetizzjoni tat-tpinġija! Kemm ferħu Mario u Rita! Issa setgħu jaqtgħu x-xewqa kbira li kellhom. **(Paragrafu 5)**

## A. Wieġeb il-mistoqsijiet b'<u>sentenza sħiħa</u>.

1. Min kienu Mario u Rita? *(Paragrafu 1)*

2. Kemm kellhom żmien? *(Paragrafu 1)*

3. Għalfejn ommhom kienet toħroġ taħdem? *(Paragrafu 1)*

4. Kienu jħobbuha l-iskola Mario u Rita? *(Paragrafu 2)*

5. X'kienet l-akbar xewqa li kellhom? *(Paragrafu 2)*

6. Kif seta' jgħinhom il-kompjuter? *(Paragrafu 3)*

7. Għaliex ommhom kienet issewwed qalbha? *(Paragrafu 4)*

8. Darba, x'iddeċidew li jagħmlu l-aħwa tewmin? *(Paragrafu 5)*

9. **Agħmel sing taħt il-kelma t-tajba :**

   a) It-tewmin riedu jagħmlu (storja, tpinġija, talba).

   b) Ommhom ma setgħetx tixtri (l-ħobż, l-ħwejjeġ, l-kompjuter).

   ċ) Meta ġew l-ewwel fil-kompetizzjoni rebħu (ktieb, kompjuter, tazza).

10. **Imla l-vojt billi tagħżel il-kelma jew kliem mil-lista ta' taħt :**

   a) jikbru ġmielhom ____________________

   b) issewwed qalbha ____________________

   ċ) jistinkaw ________________________

   titnikket, jistudjaw ħafna, jikbru ħafna

(14-il marka)

## B. Imla l-vojt biex tkompli l-istorja.

Mario u Rita kienu aħwa ____________ . Kellhom ommhom _________ ħafna. Xtaqu li jkollhom ________________. Meta raw li ma setgħux jixtru wieħed, ħadu sehem f'__________________. Ġew l-____________. Tgħidx kemm _____________!

(6 marki)

## Ċ. Daħħal il-kelma li tista' toħroġ minn dik b'sing taħtha :



**Eżempju:** It-tewmin setgħu jilagħbu **<u>logħba</u>** bil-kompjuter.

1. Riedu <u>jpinġu</u> ____________ sabiħa.
2. Missierhom <u>miet</u> _____________ ta' malajr.
3. It-tifel ġera ___________ wara l-ballun.
4. It-tewmin <u>ħolmu</u> _____________ sabiħa dwar il-kompjuter.
5. Aħna <u>kilna</u> _____________ pastizzi.

(5 marki)

## D. Ikteb *<u>il-femminil</u>* tal-kelma b'sing taħtha. Ħares sewwa lejn l-eżempju.

**Eżempju:** Is-Sinjura Borg kellha **<u>tifel</u>** u **<u>tifla</u>** li kienu tewmin.

1. <u>Missierhom</u> kien miet u _____________ marret taħdem.
2. "<u>Ibni</u> jismu Mario," qalet il-mama', "u ___________ jisimha Rita."
3. Naf inpinġi <u>serduk</u> u ____________ bil-kompjuter.
4. Lagħbu logħba maz-<u>ziju</u> u maz-________ .
5. Huma u sejrin l-iskola kienu jaraw <u>iż-żiemel</u> u d- ___________ tan-nannu Karm.

(5 marki)

## E. Imla l-vojt ***bin-nomi kollettivi.*** Agħżel minn ġol-kaxxa.

| |
|---|
| **merħla, flotta, mazz, bukkett, għanqud, folla** |



1. Rajt **folla** nies ħdejn l-iskola.
2. Daħlet _________ vapuri fil-Port il-Kbir.
3. It-tfal xtraw __________ fjuri għal ommhom.
4. Jiena kilt ____________ għeneb wara l-ikel.
5. Il-kelb ġera ġirja wara _________ mogħoż.
6. Tlift _______ ċwievet fuq il-karozza tal-linja.

(5 marki)

## F. Aqleb il-kelma b'sing taħtha fil-***plural.***

**Eżempju :** (Il-mara) **In-nisa** ħarġu kemxa flus.

1. (L-omm) ______________ xtraw rigal lil uliedhom.
2. Fil-(klassi) _____________ it-tfal jaħdmu ħafna.
3. (Kienet) (tifla) __________ __________ bil-għaqal.
4. (Ħarġet) ___________ ħafna flus biex jixtru l-kotba.

(5 marki)

## Ġ. Ikteb kliem flok ***numri.***

**Eżempju :** B'kollox kien hemm **( 40 ) erbgħin** tpinġija.

1. Kien hemm ( **60 )** _____________ tifel u tifla b'kollox.
2. Huma ġew l- **(1 )** ____________ fil-kompetizzjoni.
3. It-tfal kellhom jaqraw xi **( 4 )** _____________ kotba.
4. Kien baqa' **( 7 )** _____________ sentenzi.
5. Raw **( 29 )** ___________________ kompjuter fil-fiera.

(5 marki)

## G. Ikteb fin-*negattiv.*

**Eżempju :** Huwa **ra** lil ommu tibki. Huwa **ma rax** lil ommu tibki.

1. It-tifla **studjat** ħafna. It-tifla _______________ ħafna.
2. Ommhom **ħarġet** għax-xogħol. Ommhom ___________ għax-xogħol.
3. L-għalliema **qaltilhom** biex jidħlu ghall-kompetizzjoni.

   L-għalliema ______________ biex jidħlu għall-kompetizzjoni.
4. **Ħadu** l-frott li jħobbu. _____________ il-frott li jħobbu.
5. Mario **ħolom** li kien se jirbaħ. Mario ____________ li kien se jirbaħ.

(5 marki)

## GĦ. Daħħal *verb* fil-vojt skond l-għerq li għandek fil-parentesi. Ħares lejn l-eżempju.

**Eżempju:** L-omm **(ħ - r - ġ)** **ħarġet** taħdem.



1. It-tifel (k - t - b) ____________ storja sabiħa.
2. It-tewmin (ħ - l - m) __________ li kellhom kompjuter.
3. Aħna lkoll għandna (r - q - d) ____________ kmieni.
4. Huma kellhom (t - l - b) ____________ l-flus lil ommhom.
5. Kemm xtaqu (r - b - ħ) _____________ l-kompetizzjoni!

(5 marki)

## H. Kompli dawn is-sentenzi.

1. Kull fil-għodu ______________________________________ .
2. _________________________ għax ___________________ .
3. ____________________________________waqt li kont miexi.
4. Inħobb __________________________________________ .
5. Ngħid lil ommi biex _________________________________ .

(10 marki)

## Ħ. Komponiment - **Ikteb 10 sentenzi fuq WIEĦED minn dawn:**



a) Xi nħobb nagħmel l-iskola.

b) Ħolma li ħlomt

ċ) L-isbaħ rigal li qatt qlajt

d) Jiena sirt ktieb

**Jew** e) Morna sar-razzett. *(Aqleb il-folja. L-istampi ta' wara jgħinuk).*

______________________________________________

**KOMPONIMENT :**

______________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

(20 marka)


1.


2.


3.


4.


5.


6.